IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2013
COM(2013) 147 final

2013/0080 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 73 final}
{SWD(2013) 74 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Dan il-memorandum ta' spjegazzjoni jippreżenta l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. L-għanijiet tal-Proposta

Ir-Regolament propost għandu l-għanijiet li jonqsu l-ispejjeż u tiżdied l-effiċjenza fit-tifrix ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja billi jiżdiedu l-aqwa prattiki eżistenti madwar l-UE, u għalhekk jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern f'żona li tappoġġa l-iżvilupp ta' kważi s-setturi kollha tal-ekonomija.

Fil-fatt huwa maqbul bil-bosta li l-ħidmiet tal-inġinerija ċivili huma l-parti l-kbira tal-ispejjeż ġenerali tat-tifrix tan-netwerk[1], irrispettivament mit-teknoloġija użata, bi stimi li jilħqu t-80% għal ċerti teknoloġiji.

Jekk jingħataw għadd ta' drittijiet u obbligi li japplikaw direttament fil-bosta stadji tat-tifrix tal-infrastruttura, jaf l-ispiża tonqos b'mod sinifikanti. Ix-xkiel għall-investiment u d-dħul fis-suq jista' jitnaqqas billi jitħallew jintużaw b'mod aktar intensiv l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti, billi tiżdied il-koperazzjoni fil-ħidmiet ċivili ppjanati, billi jiġu razzjonalizzati l-proċeduri għall-għoti tal-permessi, u billi jitneħħa x-xkiel għal infrastrutturi lesti ġol-bini li jkunu jifilħu l-internet b'veloċità għolja.

Għalhekk din l-inizjattiva tindirizza erba' oqsma problematiċi ewlenin, jiġifieri: (1) l-ineffiċjenzi jew il-konġestjonijiet fejn jidħol l-użu tal-infrastruttura passiva eżistenti (bħal pereżempju l-kanali, il-pajpijiet flessibbli, it-toqob tal-ispezzjoni, il-kaxxi, l-arbli, l-antenni, it-torrijiet u strutturi oħra ta' appoġġ), (2) il-konġestjonijiet marbutin mal-użu kondiviż, (3) l-ineffiċjenzi fejn jidħol l-għoti ta' permessi amministrattivi, u (4) il-konġestjonijiet marbutin mal-użu ġol-bini.

Peress li kull qasam problematiku hu marbut ma' stadju speċifiku tal-proċess tat-tifrix, jekk jiġu indirizzati dawn l-oqsma problematiċi lkoll flimkien, jinħoloq sett ta' azzjonijiet koerenti u li jsaħħu lil xulxin. Studju jikkalkula li jekk jittieħdu miżuri biex jiġi identifikat sett ta' oqsma problematiċi, l-iffrankar Capex potenzjali għall-operaturi jkun fil-firxa bejn 20% u 30% tal-ispejjeż totali tal-investiment[2], jiġifieri sa EUR 63 biljun sal-2020[3].

Sabiex jiżdiedu kemm jista' jkun is-sinerġiji fin-netwerks, ir-regolament huwa indirizzat mhux biss għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika iżda għal kull sid tal-

---

[1] Analysys Mason, 2008, Analysys Mason 2012, WIK, 2008.

[2] Analysys Mason, 2012, L-istima hija bbażata fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin: 25% tat-tifrix isir fil-kanali eżistenti, iffrankati 75% f'Capex għal din il-parti, 10% tat-tifrix iqabbad in-netwerk ma' żviluppi ġodda tal-bini, u l-użu kondiviż ma' operaturi/kumpaniji tal-utilità oħra, iffrankati 15-60%, u 5% tat-tifrix iqabbad in-netwerk ma' MDUs iwwajerjati minn qabel, iffrankati 20-60%. Barra minn hekk, se jkun hemm ukoll benefiċċji soċjali, ambjentali, u ekonomiċi.

[3] L-istima hija bbażata fuq xenarju tal-investiment ikkalkulat bħala parti minn studju estensiv ta' Analysys Mason u Tech4i2 ("The socio-economic impact of bandwidth" (L-impatt soċjoekonomiku tal-medda tal-frekwenzi), 2013). Dan l-istudju jbassar li l-miri tal-medda tal-frekwenzi tad-DAE jintlaħqu biss f'xenarju ta' invervent kbir, jiġifieri ta' EUR 211 biljun f'investiment tal-NGA. Sabiex isir l-iffrankar potenzjali, il-persentaġġi indikati ġew applikati għal dan l-ammont.

infrastrutturi fiżiċi, bħas-servizzi tad-dawl, il-gass, l-ilma u d-dranaġġ, it-tisħin u t-trasport, li jkunu adattati biex jilqgħu fihom elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika.

## 1.2. Il-kuntest ġenerali

Skont ir-Rapport tal-2010 dwar is-Suq Uniku,[4] is-servizzi u l-infrastrutturi tat-telekomunikazzjoni fl-UE għadhom frammentati ħafna mal-fruntieri nazzjonali. Rapport aktar reċenti fuq l-ispiża tan-non-Ewropa fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika[5] wera li l-potenzjal mhux sfruttat tas-Suq Uniku jfisser ammont annwali ta' 0,9% tal-PDG, jew EUR 110 biljun.

L-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja hija s-sinsla tas-Suq Uniku Diġitali u kundizzjoni minn qabel għall-kompetittività dinjija, i.a. fil-qasam tal-Kummerċ elettroniku. Kif jitfakkar fil-Komunikazzjoni tal-Att dwar is-Suq Uniku II[6], żieda ta' 10% fil-penetrazzjoni tal-broadband tista' twassal għal żieda bejn 1-1,5% fil-PDG kull sena u għal titjib ta' 1,5% fil-produttività tax-xogħol,[7] u l-innovazzjoni fil-kumpaniji, indotta mill-broadband, toħloq l-impjiegi u għandha l-potenzjal li toħloq 2 miljun impjieg addizzjonali sal-2020[8].

Biċċa sinifikanti minn dan il-potenzjal mhux sfruttat tista' tinstab fil-livell tal-infrastrutturi tan-netwerk: approċċi regolatorji differenti għat-tifrix tan-netwerk iżidu l-ispiża tal-aċċess għas-swieq nazzjonali, jipprevjenu l-isfruttament tal-ekonomiji ta' skala fuq il-livell ta' tagħmir u servizzi u jxekklu l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi li jista' jsir fuq in-netwerks b'veloċità għolja li jaħdmu b'mod uniformi bejn il-fruntieri. Filwaqt li ħafna drabi t-tifrix ta' netwerks tal-aċċess jinvolvi dispożizzjonijiet u proċeduri amministrati fil-livell lokali, miżuri bħal dawn, inkluż il-leġiżlazzjoni sekondarja lokali jistgħu jaffettwaw indirettament il-libertà li jingħataw servizzi u jiġġustifikaw l-intervent tal-Unjoni[9]. Barra minn hekk, abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE, l-Unjoni diġà leġiżlat, sabiex trawwem it-tifrix tal-infrastruttura tan-netwerk lokali, permezz tad-diżassoċjazzjoni tal-linja lokali[10].

---

4 Strateġija ġdida għas-Suq Uniku, rapport ta' Mario Monti għall-President tal-Kummissjoni Ewropea, id-9 ta' Mejju 2010.

5 Passi lejn Suq tassew Intern għall-komunikazzjoni elettronika sal-2020, Ecorys, TU Delft u TNO, imniedi fi Frar 2012.

6 (COM (2012) 573).

7 Booz and Company, Maximising the impact of Digitalisation, 2012 (Nżidu kemm jista' jkun l-impatt tad-Diġitalizzazzjoni).

8 Stima tal-Kummissjoni msejsa fuq studji nazzjonali (Liebenau, J., Atkinson, R., Karrberg, P., Castro, D. u Ezell, S., 2009, *The UK Digital Road to Recovery*; Katz R.L. et al , 2009, *The Impact of Broadband on Jobs and the German Economy*).

9 Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret f'*De Coster* (C-17/00, [2001] Rec. p. I-9445, n°37) li kull leġiżlazzjoni sekondarja lokali li taffettwa l-libertà li jingħataw servizzi, trid tkun konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fuq l-istess istanza tal-antenni paraboliċi, il-Kummissjoni enfasizzat fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipji tal-moviment liberu tal-oġġetti u s-servizzi – l-Artikoli 28 u 49 – dwar l-użu tal-antenni paraboliċi (COM(2001) 351 finali), li għalkemm kull Stat Membru hu responsabbli għat-twaqqif tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati fi ħdan is-sistema legali tiegħu għall-installazzjoni u l-użu tal-antenni paraboliċi, uħud mir-regolamenti nazzjonali jistgħu madankollu jaffettwaw dak li jista' jiġi rċevut. Għaldaqstant, indirettament, dawn jaffettwaw id-distribuzzjoni tal-firxa wiesgħa tas-servizzi trażmessi bis-satellita – li, fin-natura tagħhom, jaqsmu l-fruntieri – bħal xandiriet bit-televiżjoni u r-radju, u s-servizzi interattivi ("is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni"). Għalhekk miżuri nazzjonali bħal dawn iridu jkunu konformi mal-prinċipji fundamentali tat-Trattat, bħall-moviment liberu tal-oġġetti u l-libertà li jingħataw servizzi fis-Suq Uniku.

10 Ir-Regolament (KE) Nru 2887/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar aċċess diżassoċjat għal-linja lokali, ĠU, 30.12.2000, L 336/4.

Ma jistax ikun li l-Unjoni tħalli liċ-ċittadini u n-negozji barra mir-roqgħa ta' dawn l-infrastrutturi u ngħaqdet mal-miri ambizzjużi tal-broadband tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa: sal-2013, broadband bażiku għall-Ewropej kollha, u sal-2020, (i) aċċess għal veloċitajiet aktar minn 30 Mbps għall-Ewropej kollha, u (ii) abbonament tal-konnessjoni tal-internet li tkun veloċi aktar minn 100 Mbps għal 50% jew aktar tad-djar Ewropej. Dawn l-għanijiet jintlaħqu biss jekk madwar l-UE jonqsu l-ispejjeż għat-tifrix tal-infrastruttura.

## 1.3. Il-kuntest politiku

L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa hija inizjattiva ewlenija tal-Istrateġija Ewropa 2020 bil-għan li jinħoloq ġid ekonomiku u soċjali sostenibbli minn Suq Uniku Diġitali bbażat fuq l-internet veloċi u ultraveloċi u applikazzjonijiet interoperabbli.

Din identifikat b'mod partikolari l-ħtieġa li jonqsu l-ispejjeż tat-tifrix tal-broadband fit-territorju kollu tal-Unjoni, fosthom billi jsiru ppjanar u koordinazzjoni xierqa u billi jonqsu l-piżijiet amministrattivi[11].

Il-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Marzu 2012 sejjaħ għal azzjoni fuq il-livell ta' Unjoni biex tingħata kopertura aqwa tal-broadband, fosthom billi tonqos l-ispiża tal-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja[12].

Il-Komunikazzjoni "Att dwar is-Suq Uniku II: Flimkien għal tkabbir ġdid" identifikat l-inizjattiva bħala waħda mit-12-il azzjoni ewlenin li se jagħtu spinta lit-tkabbir, l-impjieg u l-fiduċja fis-Suq Uniku u joħolqu effetti reali fuq il-post[13]. Fl-Att dwar is-Suq Uniku II, l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni hija maħsuba għall-ewwel kwart tal-2013. Il-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012 sejjaħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti ewlenin kollha sar-rebbiegħa tal-2013[14].

# 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

## 2.1. Konsultazzjoni pubblika mal-partijiet interessati

Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw konsultazzjoni pubblika mis-27 ta' April sal-20 ta' Lulju 2012 u matulha l-partijiet interessati ġew mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar ħames settijiet ta' mistoqsijiet li jkopru l-katina kollha tat-tifrix tan-netwerk, mill-fażi tal-ippjanar sal-konnessjoni tal-utenti finali[15].

Aktar minn mitt tweġiba tressqu bil-miktub minn tipi differenti ta' partijiet interessati minn 26 pajjiż madwar l-UE u l-EFTA. L-akbar kategoriji ta' dawk li wieġbu kienu fornituri tal-komunikazzjoni elettronika (27) u l-assoċjazzjonijiet kummerċjali tagħhom (14) kif ukoll korpi pubbliċi, fosthom awtoritajiet ċentrali (22, inklużi 6 Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali

---

11 Aġenda Diġitali għall-Ewropa, Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2010) 245 tad-19 ta' Mejju 2010, b'mod partikolari t-Taqsima 2.4.1.

12 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Marzu 2012, EUCO 4/2/12, http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/12/st00/st00004-re02.en12.pdf, l-entrata 15.

13 Il-Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2012) 573 tat-3 ta' Ottubru 2012, Azzjoni Ewlenija 9.

14 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012, EUCO 205/12, http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ec/134353.pdf, l-entrata 17.

15 Rapport dwar ir-riżultat tal-konsultazzjoni pubblika jista' jinstab bħala parti mir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta (l-Anness I tar-Rapport).

(ARN)) u awtoritajiet lokali (9). Utilitajiet oħra (7) taw il-kontribut tagħhom l-aktar permezz tal-assoċjazzjonijiet kummerċjali. Wieġbu wkoll manifatturi tat-tagħmir (5) u assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-inġinerija u l-ICT (6).

B'mod ġenerali, dawk li wieġbu laqgħu tajjeb l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tieħu inizjattiva biex tindirizza l-ispejjeż tal-inġinerija ċivili għat-tifrix tal-broadband fis-suq uniku. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu kkonfermaw l-ineffiċjenzi u l-konġestjonijiet eżistenti kif ukoll il-potenzjal li tonqos l-ispiża. Il-partijiet interessati qalu biċ-ċar li jeżistu l-problemi u li hemm bżonn tittieħed azzjoni. Ġew proposti bosta soluzzjonijiet, uħud ambizzjużi ħafna u oħrajn aktar moderati.

Minbarra l-konsultazzjoni pubblika, is-servizzi tal-Kummissjoni ħolqu pjattaforma ta' diskussjoni fuq l-internet biex jinġabru l-ideat tal-partijiet interessati[16].

Is-servizzi tal-Kummissjoni żammew kuntatti regolari ma' partijiet interessati ewlenin, kemm pubbliċi u privati, mis-setturi kkonċernati.

## 2.2 Studji u sorsi ta' informazzjoni oħra

Is-servizzi tal-Kummissjoni talbu li jsiru żewġ studji, rispettivament, minn Deloitte dwar prattiki li jnaqqsu l-ispiża fejn jidħol it-tifrix tal-infrastruttura passiva tal-broadband[17], u minn Analysys Mason biex jappoġġa l-valutazzjoni tal-impatt li hemm mal-proposta preżenti[18].

Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw sorsi ta' informazzjoni oħra, studji u l-aqwa prattiki nazzjonali (inkluż tal-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit)[19]. Inġabret ukoll informazzjoni dettaljata mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni permezz tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali.

## 2.3 Valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament propost

Is-servizzi tal-Kummissjoni għamlu valutazzjoni tal-impatt[20]. Intgħażlu erba' għażliet politiċi għal aktar analiżi:

L-Għażla 1: Kollox kif inhu: jinżamm l-approċċ attwali tal-monitoraġġ, l-infurzar u l-gwida.

L-Għażla 2: Jiġi promoss it-titjib fl-effiċjenza fis-settur tat-telekomunikazzjoni: huma rrakkomandati miżuri lejn applikazzjoni aktar koerenti u armonizzata mill-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika.

L-Għażla 3: Jitħalla jsir titjib fl-effiċjenza fost is-setturi: proposta għal Regolament bil-għan li jintuża l-potenzjal ta' koperazzjoni transsettorjali (żewġ għażliet iżgħar, it-3a u t-3b, jipprevedu, rispettivament, Regolament biss u taħlita ta' Regolament u Rakkomandazzjoni).

L-Għażla 4: Jiġi obbligat it-titjib fl-effiċjenza: proposta għal leġiżlazzjoni li tikkumplimenta l-qafas regolatorju attwali li jobbliga miżuri li jmorru lil hinn mill-Għażla 3, bħall-atlasijiet tal-infrastrutturi, aċċess għal infrastrutturi orjentati lejn l-ispiża, koperazzjoni obbligatorja fil-ħidmiet tal-inġinerija ċivili anki meta ma jitħallsux minn flus il-poplu, u l-installazzjoni ta' infrastruttura lesta b'veloċità għolja anki f'bini antik.

16 Ara http://daa.ec.europa.eu/content/special/crowdsourcing.
17 Rapport li jibni fuq l-istudju mħejji minn Deloitte, kif ivverifikat aktar ma' sorsi oħra, jista' jinstab bħala parti mir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta (l-Anness II tar-Rapport).
18 Dan ir-Rapport jista' jinstab bħala parti mir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta (l-Anness III tar-Rapport).
19 Lista sħiħa ta' dawn is-sorsi tista' tinstab fil-biblijografija tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.
20 Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-impatt hu mehmuż ma' din il-proposta.

L-analiżi tal-għażliet tiffoka b'mod partikolari fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji li jġarrbu l-partijiet interessati diretti, l-effetti mistennija fuq l-investiment fin-netwerk u fit-tifrix tal-broadband, u analiżi makroekonomika usa' tal-effetti fuq il-benesseri tal-konsumatur, it-tkabbir, il-kompetittività, u s-Suq Uniku.

Ir-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt jikkonkludi li l-Għażla 3a hija l-aħjar għażla disponibbli minħabba l-effikaċja tagħha lejn l-oġġetti identifikati, l-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji, l-effiċjenza u l-koerenza li jkun sfruttat il-potenzjal li tonqos l-ispiża mal-għanijiet politiċi ġenerali tal-UE, skont il-prinċipji tal-propozjonalità u s-sussidjarjetà.

Għall-għażla tal-istrument propost, ara t-Taqsima 3.4, hawn taħt.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Il-bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa ġġustifikat mill-għanijiet tal-proposta li jippruvaw itejbu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern.

Barra minn hekk, kif tikkonferma l-każistika, dan l-Artikolu jagħti lil-leġiżlatura tal-Unjoni d-diskrezzjoni, skont il-kuntest ġenerali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-materja li trid tiġi armonizzata, fir-rigward tal-aktar teknika xierqa tal-armonizzazzjoni biex jinkiseb ir-riżultat mixtieq, b'mod partikolari f'oqsma kkaratterizzati minn karatteristiċi tekniċi kumplessi[21].

### 3.2. Is-sussidjarjetà

L-intervent Ewropew propost biex tonqos l-ispiża tat-tifrix ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja hu ġġustifikat mill-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu żewġ għanijiet. Min-naħa, permezz tiegħu l-Unjoni tkun tista' taġixxi jekk problema ma tkunx tista' tissolva kif xieraq mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom. Min-naħa l-oħra, dan jappoġġa lill-awtorità tal-Istati Membri f'dawk l-oqsma li ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv bl-azzjoni tal-Unjoni. Dan għandu l-għan li jqarreb it-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni kemm jista' jkun lejn iċ-ċittadin.

Ir-Regolament propost jiffoka fuq id-definizzjoni ta' drittijiet u obbligi speċifiċi applikabbli direttament sabiex jitħeffef l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tat-tifrix ta' infrastruttura fiżika u l-ħidmiet ċivili, inklużi dispożizzjonijiet anċillari li jiżguraw it-trasparenza tal-informazzjoni rilevanti u l-koordinazzjoni tal-proċeduri amministrattivi. Barra minn dan, dan jipprovdi rekwiżiti għal infrastruttura fiżika ġol-bini għal bini ġdid u rinnovament kbir.

Il-miżuri maħsuba jibnu fuq l-aqwa prattika eżistenti f'bosta Stati Membri, bħal dawk dwar l-użu mill-ġdid tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti fil-Litwanja u l-Portugall, it-trasparenza tal-infrastruttura eżistenti fil-Belġju u l-Ġermanja, l-użu kondiviż fil-Finlandja u l-Isvezja, ir-razzjonalizzazzjoni tad-drittijiet ta' aċċess u l-proċeduri amministrattivi fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-Polonja, u l-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja f'bini ġdid fi Spanja u Franza[22]. Uħud mill-Istati Membri introduċew miżuri li sa ċertu punt imorru saħansitra lil hinn minn dawk proposti, bħall-one-stop-shop fil-Greċja. Ir-Regolament propost hu mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar dettaljati bħal dawn stabbiliti mil-liġi nazzjonali.

---

[21] Ara l-Kawża C-66/04, il-paragrafu 45, u l-Kawża C-217/04, il-paragrafu 43.

[22] Ara Analysys Mason, ir-Rapport Finali għad-DĠ tas-Soċjetà tal-informazzjoni u l-Midja, l-Appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għat-tħejjija ta' Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja inizjattiva tal-UE dwar it-tnaqqis fl-ispejjeż tat-tifrix tal-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja (SMART 2012/0013).

Ir-Regolament propost hu wkoll mingħajr preġudizzju għal kull miżura regolatorja speċifika, inkluża l-impożizzjoni ta' rimedji fuq impriżi li għandhom qawwa sinifikanti fis-suq, meħuda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont il-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjoni elettronika.

Il-miżuri proposti huma meħtieġa fuq il-livell tal-Unjoni ħalli jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, sabiex:

– jitneħħa x-xkiel għall-funzjonament tas-Suq Uniku li ġej minn traqqigħ tar-regoli u l-prattiki amministrattivi fuq il-livelli nazzjonali u sottonazzjonali, li jfixkel milli jsir aktar żvilupp u tkabbir ta' kumpaniji Ewropej, li għandu impatt negattiv fuq il-kompetittività Ewropea, u li jxekkel l-investiment u l-ħidma transfruntiera, u għalhekk ifixkel il-libertà li jingħataw servizzi u jinħolqu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika kif tiżgura l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. Bħala eżempju, approċċi regolatorji mifruxin u mhux trasparenti għat-tifrix tan-netwerk iżidu l-ispiża tal-aċċess għal kull suq nazzjonali. Frammentazzjoni bħal din tkun ta' xkiel għal kumpaniji multinazzjonali u nazzjonali li jkunu jixtiequ jilħqu ekonomiji ta' skala fuq il-livell Ewropew fil-konfront ta' kompetizzjoni dejjem aktar globali. Din ixxekkel ukoll l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi li jista' jsir fuq in-netwerks b'veloċità għolja li jaħdmu b'mod uniformi bejn il-fruntieri.

– tiġi stimulata kopertura ambizzjuża tal-broadband, li hija prekundizzjoni għall-iżvilupp tas-Suq Uniku Diġitali, u għalhekk tgħin biex jitneħħa xkiel importanti milli jitlesta s-Suq Uniku u fl-istess ħin tgħin għall-koeżjoni territorjali. Dawn l-għanijiet jintlaħqu biss jekk madwar l-UE jonqsu l-ispejjeż għat-tifrix tal-infrastruttura;

– jekk jissarraf f'realtà l-potenzjal sinifikanti mhux sfruttat li tonqos l-ispiża u jitħeffef it-tifrix tal-broadband, inkluż billi jiżdiedu l-aqwa prattiki eżistenti mal-UE kull meta jkunu disponibbli.

– jiġu razzjonalizzati l-proċessi effiċjenti tal-ippjanar u l-investiment fuq skala kbira u għalhekk jitħeffef l-iżvilupp ta' operaturi pan-Ewropej.

– ikunu żgurati t-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni tal-impriżi u tal-investituri, f'konformità ma' "dawk l-għanijiet u l-kompiti marbuta mill-qrib mas-suġġett"[23] ta' bosta strumenti diġà previsti fil-liġi tal-UE, b'mod partikolari fejn jidħol is-settur tal-komunikazzjoni elettronika[24] iżda anki setturi oħrajn (eż. kumpaniji tal-utilità li jridu jagħmlu qligħ mill-infrastruttura fiżika tagħhom, sinerġiji fit-twaqqif ta' grilji intelliġenti).

Saru bosta arranġamenti għal din il-proposta sabiex tkun konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

– L-ewwel nett, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar dettaljati li jispeċifikaw aktar jew jikkumplimentaw l-obbligi previsti fir-Regolament propost, eż. fejn jidħol l-aċċess għal infrastrutturi eżistenti, il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili u l-użu kondiviż.

– Barra minn hekk, filwaqt li l-ħidmiet li ħoloq ir-Regolament propost huma assenjati awtomatikament lill-ARN indipendenti skont il-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika, minħabba l-kompetenzi u l-indipendenza tagħha, l-Istati

[23] Ara l-Kawża C-217/04, il-paragrafu 47.
[24] Ara pereżempju l-Premessa 8 tad-Direttiva 2009/140/KE dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar, il-Premessa 22 tad-Direttiva Qafas, il-Premessi 1 u 4 tar-Regolament 2887/2000/KE.

Membri jistgħu jaħtru korpi kompetenti differenti skont is-sistema kostituzzjonali domestika tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi u l-poteri[25], fl-aqwa livell ta' aggregazzjoni, fejn effiċjenzi importanti jkunu jistgħu jiġu żgurati fid-dawl tal-kompiti assenjati. Dan japplika għall-kompiti kollha previsti skont ir-Regolament: il-punt ta' informazzjoni dwar l-għoti tal-permessi, it-trasparenza u s-soluzzjoni tat-tilwim.

– It-tieni nett, fejn tidħol it-trasparenza tal-infrastruttura fiżika eżistenti, filwaqt li għadd ta' Stati Membri implimentaw inizjattivi ta' mmeppjar differenti, fil-għamla ta' applikazzjoni tal-GIS (Sistemi ta' Informazzjoni Ġeografika) li f'xi Stati Membri ma tkoprix biss l-infrastruttura tal-komunikazzjoni elettronika iżda anke l-infrastruttura fiżika ta' utilitajiet oħra, din il-proposta ma teħtieġx li l-Istati Membri jagħmlu eżerċizzju ta' mmeppjar bħal dan. Lanqas ma teħtieġ li d-dejta tiġi aggregata jew maħżuna f'punt tal-kuntatt waħdieni. L-obbligu impost fuq l-Istati Membri huwa biex "jagħmlu disponibbli" dejta bħal din f'punt waħdieni tal-informazzjoni, li jista' jsir b'links għal bnadi oħra. Bl-istess mod, il-proposta ma timponi l-ebda obbligu ġenerali għal notifika minn qabel dwar il-ħidmiet ċivili ppjanati. Minflok, din tippermetti l-fornituri tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jitolbu din l-informazzjoni mingħand il-fornituri tan-netwerk, fid-dawl tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

– It-tielet, fejn jidħol l-għoti ta' permessi, din il-proposta ma taffettwax l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri biex jallokaw internament il-kompetenzi. Filwaqt li trid tkun disponibbli informazzjoni dwar il-proċeduri differenti għall-għoti tal-permessi u l-applikazzjoni jitressqu permezz ta' punt tal-kuntatt, ir-rwol tagħha huwa limitat għat-twassil ta' permessi differenti u għall-koordinazzjoni tal-proċess tal-għoti tal-permessi. Barra minn hekk, l-iskadenzi differenti huma armonizzati biss b'mod awtomatiku, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew idaħħlu l-iskadenzi speċifiċi tagħhom, mingħajr preġudizzju għal skadenzi jew obbligi speċifiċi oħrajn stabbiliti għall-kondotta xierqa tal-proċedura li huma applikabbli skont il-liġi nazzjonali jew tal-UE.

– Fl-aħħar nett, fejn jidħol it-tagħmir ġol-bini, ir-Regolament propost jippermetti lill-Istati Membri jaġġustaw l-obbligi stipulati fir-Regolament għall-partikolaritajiet nazzjonali u lokali, billi jeżentaw kategoriji tal-bini, bħal bini b'abitazzjoni waħda jew ir-rinnovament tiegħu, mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, f'konformità sħiħa mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

### 3.3. Il-proporzjonalità

Il-miżuri proposti huma ġġustifikati wkoll fuq raġunijiet ta' proporzjonalità.

Il-miżuri proposti biex tonqos l-ispiża jiffukaw fuq żieda fil-koordinazzjoni u t-trasparenza, u fuq l-armonizzazzjoni tal-għodod minimi li bihom il-partijiet interessati rilevanti jkunu jistgħu jisfruttaw is-sinerġiji u jnaqqsu l-ineffiċjenzi fit-tifrix. Apparti dan, filwaqt li l-miżuri proposti għandhom l-għan li jnaqqsu x-xkiel tal-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi, dawn ma jolqtux ħażin id-drittijiet tas-sjieda, u qabel xejn jippriservaw in-negozjati kummerċjali.

Il-miżuri proposti ma jimponux mudelli speċifiċi tan-negozju. Dawn joffru wkoll il-possibbiltà lill-Istati Membri biex jadottaw dispożizzjonijiet aktar dettaljati, u għalhekk aktar se jikkumplimentaw l-inizjattivi nazzjonali li qed jittieħdu, milli jaffettwawhom. B'kuntrast,

[25] Ara l-Kawża 272/83, il-paragrafi 25 u 27.

dawn jippermettu li l-Istati Membri jibnu fuq il-miżuri attwali tagħhom u jagħżlu l-organizzazzjoni ta' xi miżura eżistenti jew ġdida li tixraq l-aktar għall-partikolaritajiet tagħhom, mingħajr ma neċessarjament timponi aktar spejjeż.

Filwaqt li r-Regolament propost jaffettwa d-drittijiet tas-sjieda sa ċertu punt, dan għandu jsir b'rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Il-proposta tippermetti negozjati kummerċjali għall-aċċess tal-infrastruttura fiżika, mingħajr ma jobbliga aċċess skont termini u kundizzjonijiet definiti minn qabel jew orjentati lejn l-ispiża. Dan jipprovdi għal raġunijiet indikattivi meta r-rifjut li jingħata aċċess jista' jitqies raġonevoli, bħall-adegwatezza teknika tal-infrastruttura fiżika li għaliha ntalab l-aċċess biex tospita xi wieħed mill-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' spazju biex jospita l-elementi, jew l-integrità u s-sigurtà tan-netwerk.

Filwaqt li dan jipprovdi għal soluzzjoni tat-tilwim meta aċċess jiġi rifjutat b'mod mhux raġonevoli, dan iqis bosta parametri fid-determinazzjoni tal-prezz għall-aċċess, bħall-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan kummerċjali wara l-investimenti li għamel l-operatur tan-netwerk, b'mod partikolari fil-każ ta' infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

Fejn tidħol it-trasparenza tal-infrastruttura fiżika eżistenti, il-proposta għandha x'taqsam ma' infrastruttura li hi xierqa għat-tifrix tan-netwerks b'veloċità għolja u mhux għal xi infrastruttura fiżika b'mod ġenerali. Din tippermetti wkoll li l-Istati Membri jipprovdu għal eżenzjonijiet ġenerali għal infrastrutturi li huma teknikament mhux xierqa. Barra minn hekk, il-proposta tara li l-informazzjoni ssir disponibbli bl-inqas spejjeż. Għal din ir-raġuni, din fiha obbligi gradwali sabiex ikun jista' jiġi organizzat l-aċċess għal informazzjoni diġà disponibbli u jsir rikors għall-istħarriġiet biss meta din l-informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli ma' awtoritajiet pubbliċi jew il-fornituri tal-komunikazzjoni elettronika.

Fejn tidħol il-koordinazzjoni tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili, il-proposta ma tillimitax il-libertà ekonomika tal-impriżi – b'mod partikolari, din tawtorizzax l-użu kondiviż mill-partijiet li ma jkunux għażlu dan il-mudell kummerċjali, diment li ma jiġix iffinanzjat pubblikament. Għall-kuntrarju, din tara li jsiru arranġamenti għal użu kondiviż kummerċjali, billi tippermetti tixrid aħjar tal-informazzjoni dwar ħidmiet futuri tal-inġinerija ċivili.

Fejn tidħol l-infrastruttura fiżika ġol-bini, l-obbligu li l-bini jkun lest b'infrastruttura fiżika tal-internet b'veloċità għolja, huwa limitat għal bini ġdid u għal bini rinnovat bil-kbir. Dan peress li f'dawn il-każijiet, l-ispiża hija inkrementali meta mqabbla mal-ispiża għolja tal-modifiki li jsiru wara f'bini eżistenti li mhux mgħammar b'infrastruttura passiva, u x'aktarx tiġi kkumpensat mill-valur ogħla tal-assi. Barra minn hekk, il-proposta tkompli tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-obbligu għal rinnovament kbir li jkun jeħtieġ il-permess tal-bini. Hemm maħsuba wkoll eżenzjonijiet ġenerali mill-Istati Membri għar-raġuni ta' proporzjonalità.

### 3.4. Id-drittijiet fundamentali

Ġie analizzat l-impatt tal-miżuri proposti fuq id-drittijiet fundamentali.

Filwaqt li l-obbligu tal-operaturi tan-netwerks li jilħqu t-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom jistgħu jillimitaw id-dritt tagħhom li jmexxu negozju, kif ukoll id-dritt tal-proprjetà tagħhom, l-effett negattiv f'dan ir-rigward jittaffa bid-dispożizzjoni li aċċess bħal dan għandu jingħata fuq termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz. Barra minn hekk, din il-limitazzjoni trid titqies iġġustifikata u proporzjonata mal-għan li tonqos l-ispiża tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja peress li din tnaqqas il-bżonn li jsiru ħidmiet tal-inġinerija ċivili, li jammontaw għal kważi 80% tal-ispiża tat-tifrix tan-netwerk. Fejn jidħol l-obbligu fuq l-operaturi tan-netwerks li jagħtu

informazzjoni minima dwar l-infrastrutturi eżistenti, is-salvagwardji fejn għandu x'jaqsam id-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali jingħataw b'eżenzjonijiet għall-finijiet tal-sigrieti operattivi u kummerċjali.

L-obbligu fuq impriżi li jagħmlu ħidmiet ċivili ffinanzjati kollha jew parzjalment minn flus il-poplu, li jilħqu kull talba raġonevoli għal aċċess fid-dawl tal-elementi tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, jista' jillimita d-dritt tagħhom li jmexxu negozju u d-dritt tal-proprjetà tagħhom. Madanakollu, kull obbligu bħal dan għandu japplika biss jekk ma jkunx hemm spejjeż żejda għall-ħidmiet ċivili maħsuba fil-bidu u jekk it-talba għal koordinazzjoni ssir minnufih jew f'kull każ mill-anqas xahar qabel jitressaq il-proġett finali lill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti tal-permessi. Barra minn hekk, din il-limitazzjoni trid titqies iġġustifikata u proporzjonata mal-għan li tonqos l-ispiża tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja peress li biha l-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jkunu jistgħu jkopru biss parti mill-ispiża tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili.

L-obbligu li l-bini l-ġdid jitgħammar b'infrastruttura fiżika ġol-bini li tkun tiflaħ l-internet b'veloċità għolja jista' jkollu impatt fuq id-drittijiet tal-proprjetà tas-sidien tal-proprjetà kkonċernata. Din il-limitazzjoni trid titqies iġġustifikata u proporzjonata mal-għan li tonqos l-ispiża tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja peress li tneħħi l-ħtieġa ta' modifiki li jsiru wara f'bini b'infrastruttura fiżika.

Id-dritt ta' fornitur tan-netwerks tal-komunikazzjoni pubblika li jtemm in-netwerk tiegħu fil-punt ta' konċentrazzjoni fid-dawl tal-aċċess tal-infrastruttura fiżika ġol-bini li tiflaħ l-internet b'veloċità għolja, jista' jkollu impatt fuq id-dritt tal-proprjetà tas-sidien tal-proprjetà privata kkonċernata. Madanakollu, dawn ir-restrizzjonijiet huma limitati bl-obbligu tal-fornituri tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni li jnaqqsu kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u li jkopru l-ispejjeż kollha mġarrba. Barra minn hekk, din il-limitazzjoni trid titqies iġġustifikata u proporzjonata mal-għan li tonqos l-ispiża tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja peress li biha l-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jkunu jistgħu jiksbu l-ekonomiji ta' skala meta jifirxu n-netwerks tagħhom.

Id-dritt tal-fornituri tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni li jaċċessaw kull infrastruttura fiżika eżistenti ġol-bini li tiflaħ l-internet b'veloċità għolja, jista' jaffettwa d-drittijiet tal-proprjetà tad-detentur tad-dritt li jużа l-infrastruttura fiżika ġol-bini. Madanakollu din ir-restrizzjoni hija limitata peress li aċċess bħal dan ikun irid jingħata skont termini raġonevoli u għax din tapplika biss meta d-duplikazzjoni tkun teknikament impossibbli jew ekonomikament ineffiċjenti.

Id-dritt għal rimedju effettiv għall-partijiet ikkonċernati bil-limitazzjonijiet spjegati hawn fuq huwa garantit bil-possibbiltà li jressqu l-każ quddiem il-korp kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, li għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull parti li tirreferi l-każ lil qorti.

### 3.5. L-għażla tal-istrument

Il-Kummissjoni tipproponi Regolament filwaqt li tippreżenta l-garanzija għal soluzzjoni komprensiva, applikabbli direttament, inkluż għall-permessi kollha meħtieġa biex jinfirxu n-netwerks. Dan jiżgura id-disponibbiltà malajr ta' għodod li jnaqqsu l-ispiża, sabiex jissoktaw l-isforzi biex jintlaħqu l-miri tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa sal-2020.

Bil-kontra tad-Direttiva, li timplika li jingħata aktar żmien għat-traspożizzjoni mill-Istati Membri, ir-Regolament se jistabbilixxi malajr id-drittijiet u l-obbligi bażiċi biex jinfirex in-netwerk madwar is-suq uniku. Barra minn hekk, direttiva min-natura tagħha tippermetti grad sinifikanti ta' differenzjazzjoni fl-implimentazzjoni ta' dawk id-drittijiet u l-obbligi u għalhekk

jibqa' għaddej it-traqqigħ emerġenti. B'kuntrast, strument legali direttament applikabbli se jnaqqas il-frammentazzjoni eżistenti u jevita li tkompli ssir, billi jiffoka fuq it-tneħħija ta' għadd magħżul ta' xkiel għall-iżvilupp ta' suq uniku għan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, jibni fuq l-aqwa prattiki iżda jħalli ħafna l-kwistjonijiet organizzattivi għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Il-fornituri jeħtieġ jingħataw sett ta' drittijiet applikabbli direttament fir-rigward tal-istadji kollha tal-ippjanar u t-tifrix ta' netwerk, li huma jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati nazzjonali, mhux biss kontra l-Istati Membri, iżda anki kontra partijiet privati oħra, bħas-sidien tal-infrastruttura.

Jekk wieħed iżomm f'moħħu li l-qalba tal-proposta hija d-definizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi direttament applikabbli fis-Suq Uniku kollu, Regolament minflok Direttiva jidher li huwa l-istrument legali preferibbli peress li dan għandu vantaġġi ċari fejn jidħlu l-effiċjenza u l-effikaċja u joħloq kundizzjonijiet ekwi għaċ-ċittadini u n-negozji, b'potenzjal akbar għal infurzar privat[26]. Skont dan, Regolament direttament applikabbli, b'differenza minn Direttiva li teħtieġ it-traspożizzjoni nazzjonali, jiggarantixxi aħjar l-impatt ħesrem meħtieġ sabiex jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali dwar id-disponibbiltà tal-broadband sal-2020.

Il-vantaġġi konsiderevoli tal-miżuri li jnaqqsu l-ispiża, kemm f'termini ta' ġid ekonomiku kif ukoll vantaġġi soċjetali, jegħlbu bil-qawwa kull piż amminisitrattiv.

### 3.6. L-istruttura tal-proposta u d-drittijiet u l-obbligi ewlenin

L-Artikolu 1 – L-għan u l-kamp ta' applikazzjoni

– L-Artikolu 1 jistipula l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

L-Artikolu 2 – Id-definizzjonijiet

– Dan l-Artikolu fih definizzjonijiet oħra apparti dawk li hemm fil-qafas regolatorju tal-UE għall-komunikazzjoni elettronika.

L-Artikolu 3 – Aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti

– L-Artikolu 3 jistabbilixxi dritt ġenerali tal-operaturi tan-netwerks li joffru aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom u obbligu għall-operaturi tan-netwerk li jilqgħu talbiet raġonevoli għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tagħhom fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika skont termini u kundizzjonijiet ġusti.

– Huwa maħsub korp għas-soluzzjoni tat-tilwim biex jirrevedi kull rifjut jew tilwim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet – din il-funzjoni se tkun fdata, b'mod awtomatiku f'idejn l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (ARN).

L-Artikolu 4 – It-trasparenza tal-infrastruttura fiżika

– L-Artikolu 4 jagħti d-dritt tal-aċċess għal sett ta' informazzjoni minima dwar l-infrastruttura/i fiżika/ċi eżistenti u l-ħidimiet ċivili ppjanati.

– Dan għandu miegħu obbligu tal-operaturi tan-netwerk li jilqgħu talbiet raġonevoli għal stħarriġiet fuq il-post tal-elementi speċifiċi tal-infrastruttura fiżika tagħhom.

– Is-soluzzjoni tat-tilwim dwar stħarriġiet fuq il-post jew l-aċċess għall-informazzjoni se tkun fdata f'idejn korp għas-soluzzjoni tat-tilwim, b'mod awtomatiku l-ARN.

---

[26] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar "L-Att dwar is-Suq Uniku: il-Passi li Jmiss għal Tkabbir" (2012/2663(RSP)), il-punt 10.

L-Artikolu 5 – Il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili

– Dan l-Artikolu fih dritt li tiġi nnegozjata l-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili.

– Barra minn hekk, dan jimponi obbligu lill-impriżi li jagħmlu ħidmiet ċivili ffinanzjati minn flus il-poplu li jilqgħu talbiet raġonevoli għal ftehimiet dwar il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili fejn jidħlu t-trasparenza u n-nondiskriminazzjoni.

L-Artikolu 6 – L-għoti tal-permessi

– Dan l-Artikolu fih dritt tal-aċċess, b'mezzi elettroniċi u minn punt waħdieni tal-informazzjoni, kull informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għal ħidmiet ċivili speċifiċi u dritt li jitressqu applikazzjonijiet għal permessi b'mezzi elettroniċi minn dan il-punt. Il-punt tal-informazzjoni jħeffef u jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi u jsegwi l-konformità mal-iskadenzi.

– Barra minn hekk dan jistipula skadenza massima ġenerali jekk skadenza ma tkunx ingħatat f'leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-UE, u dritt li tasallek deċiżjoni f'waqtha fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-permessi.

L-Artikoli 7-8 – It-tagħmir ġol-bini

– L-Artikolu 7 jistabbilixxi obbligu li l-bini l-ġdid, u l-bini rinnovat bil-kbir, jitgħammru b'infrastruttura fiżika li tkun tiflaħ l-internet b'veloċità għolja, u obbligu li l-bini l-ġdid li jkun fih ħafna abitazzjonijiet, kif ukoll il-bini l-qadim rinnovat bil-kbir, ikollhom punt ta' konċentrazzjoni intern u estern.

– L-Artikolu 8 jagħti dritt lill-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika li jtemmu t-tagħmir tan-netwerk tagħhom fil-punt ta' konċentrazzjoni tal-bini, dritt lill-operaturi tal-komunikazzjoni elettronika li jinnegozjaw aċċess għal kull infrastruttura fiżika eżistenti ġol-bini li tiflaħ l-internet b'veloċità għolja u, jekk ma jkunx hemm infrastruttura fiżika lesta ġol-bini li tiflaħ l-internet b'veloċità għolja, dritt li jtemmu t-tagħmir tan-netwerk tagħhom fil-bini privat tal-abbonat diment li dan inaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tagħhom.

L-Artikoli 9-11

– Dawn l-Artikoli fihom id-dispożizzjonijiet finali, inklużi l-ħatra tal-korpi kompetenti u obbligu għar-reviżjoni tar-Regolament fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

## 4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Ir-Regolament propost ma għandu l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

2013/0080 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar miżuri biex tonqos l-ispiża biex isiru netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[27],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[28],

Li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-ekonomija diġitali qed tibdel bil-qawwa lis-Suq Uniku. Bl-innovazzjoni, il-veloċità u l-kopertura transfruntiera tagħha, din għandha l-potenzjal li tpoġġi l-integrazzjoni tas-Suq Uniku fuq livell ġdid. Il-viżjoni tal-Unjoni hija ekonomija diġitali li trendi ġid soċjali u ekonomiku sostenibbli bbażat fuq servizzi onlajn moderni u konnessjonijiet veloċi tal-internet. Infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja tirfed prattikament kull settur ta' ekonomija moderna u innovattiva u għandha importanza strateġika għal koeżjoni soċjali u territorjali. Għaldaqstant, iċ-ċittadini u n-negozji kollha jrid ikollhom l-opportunità li jkunu parti mill-ekonomija diġitali.

(2) Filwaqt li għarfu l-importanza fit-tifrix tal-broadband b'veloċità għolja, l-Istati Membri approvaw il-miri ambizzjużi tal-broadband stabbiliti fil-Komunikazzjoni mingħand il-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "The Digital Agenda for Europe – Driving European growth digitally" (L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa – noħolqu tkabbir Ewropew b'mod diġitali)[29] ("l-Aġenda Diġitali"): 100% kopertura tal-broadband sal-2013 u żieda ta' 30 Mbps fil-veloċitajiet għad-djar kollha, b'mill-anqas 50% tad-djar jabbonaw għal konnessjonijiet tal-internet b'veloċità aktar minn 100 Mbps sal-2020.

[27] ĠU C , , p. .
[28] ĠU C , , p. .
[29] COM(2010) 245; ara wkoll l-analiżi tal-Aġenda Diġitali, COM(2012) 784 finali.

(3) L-Aġenda Diġitali identifikat ukoll il-ħtieġa għal politiki biex jonqsu l-ispejjeż tat-tifrix tal-broadband fit-territorju kollu tal-Unjoni, inkluż l-ippjanar u l-koordinazzjoni xierqa u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

(4) Filwaqt li jqis il-bżonn ta' azzjoni fuq il-livell ta' UE li tingħata kopertura aħjar tal-broadband, inkluż billi tonqos l-ispiża tal-infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja[30], l-Att dwar is-Suq Uniku II[31] jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sforzi biex jinkisbu malajr l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, billi fost l-oħrajn tiġi indirizzata l-isfida ta' investiment fin-netwerk b'veloċità għolja.

(5) It-tifrix tan-netwerks fissi u bla wajer tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja mal-Unjoni jeħtieġ investimenti sostanzjali, li porzjon sinifikanti tagħhom tirrappreżentah l-ispiża tal-ħidmiet tal-inġinerija ċivili.

(6) Parti kbira minn dawn l-ispejjeż tista' tiġi attribwita għall-ineffiċjenzi fil-proċess tat-tifrix marbut mal-użu tal-infrastruttura passiva eżistenti (bħal pereżempju l-kanali, il-pajpijiet flessibbli, it-toqob tal-ispezzjoni, il-kaxxi, l-arbli, l-installazzjonijiet tal-antenni, it-torrijiet u strutturi oħra ta' appoġġ), il-konġestjonijiet marbutin mal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili, il-proċeduri tqal tal-permessi amministrattivi, u x-xkiel marbut mat-tifrix ġol-bini tan-netwerks.

(7) Miżuri bil-għan li tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-infrastrutturi eżistenti u li jonqsu l-ispejjeż u x-xkiel biex isiru ħidmiet ġodda tal-inġinerija ċivili, għandhom jagħtu kontribut sostanzjali biex ikun żgurat tifrix malajr u estensiv tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja filwaqt li tinżamm kompetizzjoni effettiva.

(8) Uħud mill-Istati Membri adottaw miżuri maħsuba biex inaqqsu l-ispejjeż tat-tifrix tal-broadband. Żieda fl-aqwa prattiki madwar l-UE tista' tgħin b'mod sinifikanti għall-istabbiliment ta' suq uniku diġitali. Madanakollu dawn il-prattiki jibqgħu skarsi u mferrxin. Barra minn hekk, id-differenzi fir-rekwiżiti regolatorji xi drabi jipprevjenu l-koperazzjoni fost l-utilitajiet u jistgħu jżidu x-xkiel biex jidħlu operaturi ġodda tan-netwerks u opportunitajiet ġodda tan-negozju, ifixklu l-iżvilupp ta' suq uniku għall-użu u t-tifrix ta' infrastrutturi fiżiċi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Fl-aħħar nett, l-inizjattivi fuq il-livell ta' Stati Membri mhux dejjem jidhru olistiċi, billi huwa essenzjali li tittieħed azzjoni matul il-proċess kollu tat-tifrix, u fost is-setturi, ħalli jitħalla impatt koerenti u sinifikanti.

(9) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jagħti ċerti drittijiet u obbligi minimi applikabbli mal-Unjoni li jħeffu t-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja u l-koordinazzjoni bejn is-setturi. Filwaqt li jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi minimi, dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-aqwa prattiki u miżuri eżistenti adottati fuq il-livell nazzjonali u lokali li jinvolvu aktar dispożizzjonijiet u kundizzjonijiet dettaljati u miżuri addizzjonali li jikkumplimentaw dawn id-drittijiet u l-obbligi, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

(10) Fid-dawl tal-prinċipju *lex specialis*, meta japplikaw aktar miżuri regolatorji speċifiċi f'konformità mal-liġi tal-UE, dawn għandhom jieħdu preċedenza fuq id-drittijiet u l-obbligi minimi previsti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-UE u b'mod partikolari li kull miżura regolatorja speċifika, inkluża l-impożizzjoni ta' rimedji fuq l-impriżi li għandhom

30 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Diċembru 2012, EUCO 205/12, l-entrata 17.
31 COM(2012) 573 finali.

qawwa sinifikanti fis-suq, applikata skont il-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru)[32], id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni)[33], id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess)[34], id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)[35] u tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi[36]).

(11) Dan jista' jkun ħafna aktar effiċjenti għall-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari membri ġodda, biex jerġgħu jużaw l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti, inklużi dawk ta' utilitajiet oħra, sabiex jifirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari f'żoni li m'għandhom ebda netwerk tal-komunikazzjoni elettronika xieraq jew li ma jkunx ekonomikament vijabbli li tinbena infrastruttura fiżika ġdida. Barra minn hekk, is-sinerġiji bejn is-setturi tista' tnaqqas b'mod sinifikanti l-ħtieġa għal ħidmiet ċivili minħabba t-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika u anki minħabba l-ispejjeż soċjali u ambjentali marbuta magħhom, bħat-tniġġis, l-inkonvenjenzi u l-konġestjoni tat-traffiku. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli mhux biss għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika iżda għal kull sid jew detentur tad-drittijiet tal-użu tal-infrastrutturi fiżiċi estensivi u ambizzjużi li jkunu adattati biex jilqgħu l-elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, bħal netwerks fiżiċi għall-għoti tal-elettriku, il-gass, l-ilma u d-drenaġġ, u s-servizzi tat-tisħin u t-trasport.

(12) Minħabba l-livell baxx ta' differenzjazzjoni li għandhom, il-faċilitajiet fiżiċi ta' netwerks bħal dawn kemm-il darba jistgħu jilqgħu fl-istess ħin firxa wiesgħa ta' elementi tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika, inklużi dawk li jistgħu jagħtu servizzi ta' aċċess tal-broadband veloċi mill-inqas 30 Mbps f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, mingħajr ma jolqtu s-servizz ewlieni mogħti u bl-inqas spejjeż tal-adattament. Għalhekk infrastruttura fiżika maħsuba biex tilqa' biss elementi oħra tan-netwerk mingħajr ma ssir element attiv tan-netwerk hi stess, fil-prinċipju tista' tintuża biex tilqa' kejbils tal-komunikazzjoni elettronika, tagħmir jew kull element ieħor tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, irrispettivament mill-użu effettiv tagħha jew is-sjieda tagħha. Mingħajr preġudizzju għall-kisba tal-interess ġenerali speċifiku marbut mal-għoti tas-servizz ewlieni, is-sinerġiji fost l-operaturi tan-netwerk għandhom jitħeġġu jgħinu fl-istess ħin biex jinkisbu l-miri tal-Aġenda Diġitali.

(13) Filwaqt li dan ir-Regolament għandu jkun ukoll mingħajr preġudizzju għal kull salvagwardja speċifika meħtieġa biex tkun żgurata s-sigurtà u l-integrità tan-netwerks

[32] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.
[33] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21.
[34] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 7.
[35] ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.
[36] ĠU L 249, 17.9.2002, p. 21.

u li jkun żgurat li s-servizz ewlieni mogħti mill-operatur tan-netwerk ma jintlaqatx, ir-regoli ġenerali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jipprojbixxu l-operaturi tan-netwerks milli jinnegozjaw aċċess għal infrastrutturi fiżiċi minn fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, jistgħu jipprevjenu l-istabbiliment ta' suq għall-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi, u għalhekk għandhom jitneħħew. Fl-istess ħin, il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħmlu l-għoti tal-aċċess tal-infrastruttura minn operaturi tal-utilitajiet, aktar attraenti, billi jeskludu d-dħul li jkun ġej minn dan is-servizz, mill-bażi tal-kalkolu tat-tariffi tal-utenti finali għall-attività jew attivitajiet ewlenin tagħhom, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-UE.

(14) Operatur tan-netwerk jista' jirrifjuta aċċess għal infrastrutturi fiżiċi speċifiċi minħabba raġunijiet oġġettivi. B'mod partikolari, infrastruttura fiżika jaf ma tkunx teknikament adattata fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi fejn jidħlu l-infrastrutturi li ntalab aċċess għalihom, inkluż in-nuqqas ta' spazju disponibbli. Bl-istess mod, f'ċirkostanzi speċifiċi, il-kondiviżjoni tal-infrastruttura tista' ttarraf l-integrità u s-sigurtà tan-netwerk jew tipperikola l-għoti tas-servizzi li jingħataw primarjament fuq l-istess infrastruttura. Barra minn hekk, meta l-operatur tan-netwerk ikun diġà jagħti aċċess bl-ingrossa għan-netwerk tal-infrastruttura fiżika li jissodisfa l-bżonnijiet ta' min qed ifittex aċċess, l-aċċess għall-infrastruttura fiżika sottostanti jaf ikollu impatt ekonomiku negattiv fuq il-mudell tan-negozju tiegħu u inċentivi għall-investiment filwaqt li possibbilment ikun jinkludi duplikazzjoni ineffiċjenti ta' elementi tan-netwerk. Fl-istess ħin, fil-każ tal-obbligi tal-aċċess għall-infrastruttura fiżika li huma imposti f'konformità mal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjoni elettronika, bħal dawk dwar l-impriżi li għandhom qawwa sinifikanti fis-suq, dan ikun diġà kopert mill-obbligi regolatorji speċifiċi li ma għandhomx jintlaqtu b'dan ir-Regolament.

(15) Meta fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jitolbu aċċess f'żona speċifika, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħmlu disponibbli offerta għal użu komuni tal-faċilitajiet tagħhom skont termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz, sakemm l-aċċess ma jkunx ġie rrifjutat għal raġunijiet oġġettivi. Skont iċ-ċirkostanzi, bosta elementi jistgħu jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet li skonthom jingħata l-aċċess, bħal: xi spejjeż żejda tal-manutenzjoni u l-adattament; xi salvagwardji preventivi li jridu jiġu adottati biex jillimitaw l-impatti negattivi fuq l-integrità u s-sigurtà tan-netwerk; xi arranġamenti speċifiċi dwar ir-responsabbiltà f'każ ta' danni; l-użu ta' xi sussidju pubbliku mogħti għall-bini tal-infrastruttura, inklużi termini u kundizzjonijiet speċifiċi marbuta mas-sussidju jew mogħtija skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni; xi limitazzjonijiet li jkunu ġejjin minn dispożizzjonijiet nazzjonali bil-għan li jitħarsu l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika jew biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ippjanar tal-bliet u l-irħula.

(16) Jekk ma jkunx hemm ftehim fin-negozjati kummerċjali fuq termini u kundizzjonijiet tekniċi u kummerċjali, kull parti għandha tkun tista' ssejjaħ lil korp għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-livell nazzjonali sabiex jimponi soluzzjoni lill-partijiet, ħalli jkun evitat ir-rifjut mhux iġġustifikat li jsir qbil jew l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet mhux raġonevoli. Meta jkunu qed jiġu ddeterminati l-prezzijiet għall-għoti tal-aċċess, il-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jqis l-investimenti li jkunu saru fl-infrastruttura fiżika. Fil-każ speċifiku tal-aċċess għal infrastrutturi fiżiċi tal-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, l-investimenti li saru f'din l-infrastruttura jaf jgħinu direttament biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa u l-kompetizzjoni downstream jaf tkun influwenzata minn parrassitiżmu (free-riding).

Għalhekk, kull obbligu tal-aċċess għandu jqis il-vijabbiltà ekonomika ta' dawn l-investimenti skont xi skeda taż-żmien għar-redditu fuq l-investiment, kull impatt tal-aċċess fuq il-kompetizzjoni downstream, kull deprezzament tal-assi tan-netwerk meta ssir it-talba għal aċċess, kull każ ta' negozju li jirfed l-investiment li jkun sar, b'mod partikolari f'infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti ta' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, u kull possibilità offruta lil min ifittex l-aċċess għal użu kondiviż.

(17) Sabiex it-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja jkun ippjanat b'mod effettiv u sabiex ikun żgurat l-aktar użu effettiv tal-infrastrutturi eżistenti li huma adattati għat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, l-impriżi awtorizzati li jagħtu n-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandhom ikunu jistgħu jkollhom aċċess għal informazzjoni minima dwar l-infrastrutturi fiżiċi disponibbli fiż-żona tat-tifrix. Informazzjoni minima bħal din għandha tippermetti li ssir il-valutazzjoni tal-potenzjal li tintuża l-infrastruttura eżistenti f'żona speċifika, kif ukoll biex jonqsu d-danni lil kull infrastruttura fiżika eżistenti. Fid-dawl li hemm għadd ta' partijiet interessati involuti u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal dik l-informazzjoni, mas-setturi u l-fruntieri wkoll, informazzjoni minima bħal din għandha ssir disponibbli minn punt waħdieni tal-informazzjoni. Dan il-punt tal-informazzjoni għandu jippermetti aċċess għall-informazzjoni minima li diġà tkun disponibbli f'forma elettronika skont il-limitazzjonijiet sabiex ikuni żgurati s-sigurtà u l-integrità tan-netwerks jew sabiex jitħarsu s-sigrieti leġittimi operattivi u kummerċjali.

(18) Filwaqt li ma jimponi l-ebda obbligu ġdid tal-immeppjar fuq l-Istati Membri, dan ir-Regolament jipprovdi li l-informazzjoni minima li diġà ġabru l-korpi tas-settur pubbliku u li hija disponibbli f'forma elettronika skont l-inizjattivi nazzjonali kif ukoll skont il-liġi tal-Unjoni (bħad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE)[37]) għandha tkun disponibbli, pereżempju b'link, għal punt waħdieni tal-informazzjoni bil-ħsieb li fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jkunu jistgħu jaċċessaw b'mod koordinat l-informazzjoni dwar l-infrastrutturi fiżiċi u fl-istess ħin ikunu żgurati s-sigurtà u l-integrità ta' din l-informazzjoni. Għoti tal-informazzjoni bħal dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tat-trasparenza li diġà huma applikabbli għall-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku skont id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku[38]. Meta l-informazzjoni disponibbli għas-settur pubbliku ma tiżgurax għarfien xieraq tal-infrastrutturi fiżiċi eżistenti f'żona speċifika jew ta' ċertu tip, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħmlu l-informazzjoni disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni meta jintalbu jagħmlu dan.

(19) Meta l-informazzjoni minima ma tkunx disponibbli minn punt waħdieni tal-informazzjoni, għandha tkun żgurata madanakollu l-possibbiltà li l-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jitolbu direttament din l-informazzjoni speċifika mingħand xi operatur tan-netwerk fiż-żona kkonċernata. Barra minn hekk, jekk it-talba tkun raġonevoli, b'mod partikolari jekk tkun meħtieġa minħabba l-possibilità li l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti jintużaw b'mod kondiviż jew biex jiġu kkoordinati l-ħidmiet ċivili, l-operaturi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollhom iċ-ċans jagħmlu stħarriġiet fil-post u jitolbu informazzjoni dwar

[37] ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.
[38] ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.

ħidmiet ċivili ppjanati b'kundizzjonijiet trasparenti, proporzjonati u nondiskriminatorji u mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji adottati biex tkun żgurata s-sigurtà u l-integrità tan-netwerks u biex jitħarsu s-sigrieti operattivi u kummerċjali. It-trasparenza avvanzata fil-ħidmiet ċivili ppjanati mill-operaturi tan-netwerks innifishom, jew b'punti waħdiena tal-informazzjoni proattivi bis-setgħa li jitolbu informazzjoni bħal din, għandha tkun imħeġġa, b'mod partikolari f'żoni bl-aktar utilità, billi l-operaturi awtorizzati jingħataw informazzjoni bħal din meta tkun disponibbli.

(20) Meta jkun hemm tilwim dwar aċċess għall-informazzjoni fuq l-infrastrutturi fiżiċi fid-dawl tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, il-punt waħdieni tal-informazzjoni għandu jkun jista' jsolvi tilwim bħal dan billi jieħu deċiżjoni vinkolanti, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti tirreferi l-każ lil qorti.

(21) Il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili fejn jidħlu l-infrastrutturi fiżiċi tista' tiżgura ffrankar sinifikanti u li tonqos kemm jista' jkun l-inkonvenjenza liż-żona milquta mit-tifrix ta' netwerks ġodda tal-komunikazzjoni elettronika. Għal din ir-raġuni, għandhom ikunu pprojbiti restrizzjonijiet regolatorji li bħala regola ġenerali jipprevjenu n-negozjati fost l-operaturi tan-netwerk bil-ħsieb li jiġu kkoordinati ħidmiet bħal dawn ħalli jinfirxu wkoll in-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Jekk il-ħidmiet ċivili ma jitħallsux minn flus il-poplu, dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-partijiet interessati li jkunu se jikkonkludu l-ftehimiet ta' koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili skont il-pjanijiet kummerċjali u ta' investiment tagħhom stess u l-ħin preferut tagħhom.

(22) Il-ħidmiet ċivili ffinanzjati kollha jew parzjalment minn flus il-poplu għandu jkollhom l-għan li jimmassimizzaw l-eżitu kollettiv pożittiv, billi jisfruttaw l-esternalitajiet pożittivi ta' dawn il-ħidmiet bejn is-setturi u jiżguraw opportunitajiet indaqs fl-użu tal-infrastruttura fiżika disponibbli u ppjanata fid-dawl tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika. Filwaqt li dan ma għandux jaffettwa ħażin l-iskop ewlieni tal-ħidmiet ċivili ffinanzjati minn flus il-poplu, rikjesti f'waqthom u raġonevoli għal koordinazzjoni tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, li pereżempju tiżgura l-kopertura ta' xi spejjeż żejda u li jonqsu kemm jista' jkun il-bidliet għall-pjanijiet oriġinali, għandhom jintlaħqu mill-impriża li tkun qed tagħmel il-ħidmiet ċivili kkonċernati skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Proċeduri speċifiċi għas-soluzzjoni għandhom ikunu disponibbli biex tkun żgurata soluzzjoni malajr ta' tilwim dwar in-negozjati ta' dawn il-ftehimiet ta' koordinazzjoni skont termini raġonevoli, proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. Dispożizzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jirriżervaw il-kapaċità għal netwerks tal-komunikazzjoni elettronika anki meta ma jsirux talbiet speċifiċi, fid-dawl biex tintlaħaq id-domanda futura għal infrastrutturi fiżiċi biex ikun massimizzat il-valur tal-ħidmiet ċivili, jew biex jiġu adottati miżuri li jkun fihom drittijiet simili biex issir il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili għall-operaturi ta' tipi oħrajn ta' netwerks, bħall-gass jew l-elettriku.

(23) Jaf ikun hemm bżonn għadd ta' permessi differenti għat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jew elementi ġodda tan-netwerks, inklużi l-permessi għall-bini, l-ippjanar tal-bliet, ambjentali u oħrajn, sabiex jitħarsu l-interessi ġenerali nazzjonali u tal-Unjoni. L-għadd ta' permessi meħtieġa għat-tifrix ta' tipi differenti tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika u l-karattru lokali tat-tifrix jaf ikun jinvolvi l-applikazzjoni ta' varjetà ta' proċeduri u kundizzjonijiet. Filwaqt li jippriserva d-dritt li kull awtorità kompetenti tkun involuta u żżomm il-prerogattivi tagħha fit-teħid tad-

deċiżjonijiet skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-ħolqien ta' punt waħdieni li jagħti informazzjoni dwar il-proċeduri kollha u kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-ħidmiet ċivili jista' jnaqqas il-kumplessità u jżid l-effiċjenza u t-trasparenza, b'mod partikolari għal membri ġodda jew operaturi iżgħar li ma jkunux attivi f'dik iż-żona. Barra minn hekk, l-impriżi li jkunu qed jużaw in-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollhom id-dritt li jressqu t-talba tagħhom għal permess minn punt tal-kuntatt waħdieni, fdat bir-responsabbiltà li jikkoordina l-proċeduri differenti u jara jekk id-deċiżjonijiet jiġux adottati sal-iskadenzi legali. Punt tal-kuntatt bħal dan għandu jkun one-stop-shop, mingħajr ma neċessarjament jeżerċita setgħat deċiżjonali, sakemm ma jkunx fdat mil-liġi nazzjonali

(24) Sabiex ikun żgurat li l-proċeduri tal-għoti tal-permessi ma jkunux ta' xkiel għall-investiment, u li dawn ma jħallux effett ħażin fuq is-suq uniku, deċiżjoni dwar jekk għandhomx jingħataw jew le it-talbiet għal permess għandha tkun disponibbli f'kull każ sa mhux aktar tard minn sitt xhur, mingħajr preġudizzju għal skadenzi jew obbligi speċifiċi oħrajn stabbiliti għall-kondotta xierqa tal-proċedura li huma applikabbli għall-proċedura tal-għoti tal-permessi skont il-liġi nazzjonali jew tal-UE. Din id-deċiżjoni jista' jkollha karattru taċitu jew espliċitu skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli. Barra minn hekk, kull dewmien biex tittieħed deċiżjoni dwar l-għoti tal-permessi għandu jiskatta d-dritt ta' kumpens lill-impriżi li jkunu talbu dawn il-permessi diment li dawn jagħtu prova li sofrew danni minħabba dan id-dewmien. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat skont is-salvagwardji proċedurali u sostantivi previsti fil-liġijiet nazzjonali.

(25) Sabiex ikun żgurat li dawn il-proċeduri għall-għoti tal-permessi jitlestew fi skadenzi raġonevoli, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu bosta salvagwardji, bħal approvazzjoni taċita, jew jieħdu miżuri biex jissimplifikaw il-proċeduri għall-għoti billi fost l-oħrajn inaqqsu l-għadd ta' permessi meħtieġa għat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika jew billi jeżentaw ċerti kategoriji ta' ħidmiet ċivili żgħar jew standardizzati mill-għoti tal-permessi. L-awtoritajiet, fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, għandhom jiġġustifikaw kull rifjut milli jingħataw permessi bħal dawn fil-kompetenza tagħhom, skont kriterji u kundizzjonijiet trasparenti, nondiskriminatorji, oġġettivi u proporzjonati. Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għal kull miżura adottata mill-Istati Membri, fid-dawl li ċerti elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, irrispettivament jekk ikunux passivi jew attivi, jiġu eżentati mill-għoti tal-permessi.

(26) Sabiex jinkisbu l-miri tal-Aġenda Diġitali jeħtieġ li t-tifrix tal-infrastruttura jitqarreb lejn il-post tal-utenti finali, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-proporzjonalità fejn tidħol xi limitazzjoni għad-dritt tal-proprjetà fid-dawl tal-interess ġenerali sigwit. Għandha tiġi ffaċilitata l-eżistenza ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja sal-utent finali filwaqt li fl-istess ħin tkun żgurata n-newtralità teknoloġika, b'mod partikolari b'infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini. Minħabba l-fatt li, li wieħed jaħseb għal kanali żgħar waqt li jkun qed isir il-bini għandu spiża inkrimentali limitata filwaqt l-bini jkun mgħammar minn qabel b'infrastruttura ta' veloċità għolja, jaf jirrappreżenta parti sinifikanti mill-ispiża tat-tifrix tan-netwerks b'veloċità għolja, kull bini ġdid jew rinnovat bil-kbir għandu jkun mgħammar b'infrastruttura fiżika li biha tkun tista' ssir il-konnessjoni tal-utenti finali b'netwerks ta' veloċità għolja. Barra minn hekk, sabiex jinfirex netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, il-bini l-ġdid li jkun fih ħafna abitazzjonijiet, kif ukoll il-bini b'ħafna abitazzjonijiet li jsirlu rinnovament kbir, għandu jkollhom punt ta' konċentrazzjoni jew ta' aċċess, li minnu l-fornitur ikun jista' jaċċessa n-netwerk ġol-bini. Fil-prattika, dan ifisser li l-

iżviluppaturi tal-bini għandhom jaħsbu għal kanali vojta minn kull abitazzjoni sal-punt ta' konċentrazzjoni intern jew estern. F'xi każijiet, bħal djar ġodda b'abitazzjoni waħda jew kategoriji ta' rinnovament kbir f'żoni iżolati, il-prospett ta' konnessjoni veloċi ħafna jista' jkun jitqies, b'oġġettività, bħala remot wisq biex jiġġustifika l-ispejjeż żejda tat-tifrix ta' infrastrutturi fiżiċi b'veloċità għolja ġol-bini u/jew punt ta' konċentrazzjoni.

(27) Meta l-fornituri tan-netwerks pubbliċi jifirxu netwerks ta' veloċità għolja f'żona speċifika, ikun hemm ekonomiji ta' skala sinifikanti jekk dawn ikunu jistgħu jtemmu n-netwerk tagħhom fil-punt ta' konċentrazzjoni ġol-bini, irrispettivament minn jekk is-sidien, il-kondominju jew ir-residenti jkunux esprimew interess espliċitu għas-servizz dak il-ħin stess, iżda diment li dan l-impatt fuq il-proprjetà privata jkun minimizzat, billi tintuża l-infrastruttura fiżika eżistenti u jsir rinnovar taż-żona milquta. Meta n-netwerk jintemm fil-punt ta' konċentrazzjoni, il-konnessjoni ta' klijent addizzjonali tkun tista' ssir b'inqas spejjeż sinifikanti, b'mod partikolari b'aċċess għal segment vertikali b'veloċità għolja ġol-bini, meta dan ikun diġà jeżisti.

(28) Fid-dawl tal-benefiċċji soċjali li ġejjin mill-inklużjoni diġitali filwaqt li jitqiesu l-ekonomiji ta' skala tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, meta la jkun hemm lesta infrastruttura b'veloċità għolja passiva jew attiva biex taqdi l-binjiet tal-utenti finali u lanqas alternattivi sabiex lill-utenti finali jingħatawlu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, kull fornitur tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm in-netwerk tiegħu f'bini privat bi spejjeż tiegħu, meta dan ikun jaqbel miegħu l-abbonat, u diment li dan inaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata, pereżempju, meta possibbli, billi terġa' tintuża infrastruttura fiżika eżistenti disponibbli ġol-bini jew billi jkun żgurat rinnovament sħiħ taż-żoni milquta.

(29) Mingħajr preġudizzju għall-kompiti fdati f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji previsti fil-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-komunikazzjoni elettronika, meta ma jkunx hemm denominazzjonijiet speċifiċi mill-Istati Membri, sabiex ikunu żgurati deċiżjonijiet konsistenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, dawn il-funzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jingħataw lill-awtoritajiet li jridu jwettqu l-kompiti stipulati fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE, filwaqt li titqies l-ispeċjalizzazzjoni disponibbli u l-garanziji tal-indipendenza u l-imparzjalità. Madanakollu, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri jallokaw il-kompiti regolatorji stipulati hawnhekk lill-aktar awtoritajiet adattati biex iwettquhom skont is-sistema kostituzzjonali domestika tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi u s-setgħat u skont ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

(30) Ikun liema jkun il-korp maħtur mill-Istat Membru għas-soluzzjoni tat-tilwim, dan għandu jiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza fejn jidħlu l-partijiet involuti. Apparti dan, l-awtoritajiet maħtura għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa u setgħat tas-sanzjonar meta ma jkunx hemm konformità mad-deċiżjonijiet adottati.

(31) Sabiex tkun żgurata l-effikaċja tal-punti tal-informazzjoni previsti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jaħtru korpi differenti mill-awtorità regolatorja nazzjonali u jkunu qed iwettqu l-kompiti stipulati fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE, għandhom jiżguraw ir-riżorsi xierqa u li l-informazzjoni rilevanti dwar żona speċifika tkun disponibbli f'dawn il-punti tal-informazzjoni fl-aħjar livell ta' aggregazzjoni fejn jistgħu jkunu żgurati effiċjenzi importanti fid-dawl tal-kompiti assenjati (bħall-katast). F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jqisu s-

sinerġiji possibbli u l-ekonomiji ta' skala mal-Punti tal-Kuntatt Waħdieni skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/123/KE tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern (id-Direttiva tas-Servizzi), bil-ħsieb li jibnu fuq strutturi eżistenti u jimmassimizzaw il-benefiċċji għall-utenti finali.

(32) Peress li l-għanijiet tal-azzjoni proposta sabiex tiffaċilita t-tifrix ta' infrastrutturi fiżiċi adattati għal netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja madwar l-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u, għalhekk, minħabba d-daqs jew l-effetti tal-azzjoni jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(33) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod notevoli d-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, il-libertà li jsir negozju, id-dritt tal-proprjetà u d-dritt għal rimedju effettiv. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-Istati Membri b'konformità ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*
*Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita u jinċentiva t-tifrix ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja permezz ta' promozzjoni tal-użu konġunt tal-infrastrutturi fiżiċi ġodda eżistenti u jippermettu aktar użu effiċjenti tagħhom ħalli n-netwerks ikunu jistgħu jinfirxu bi spiża anqas.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal kull ħidma ċivili u infrastruttura fiżika, kif definiti fl-Artikolu 2.

3. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-Istati Membri li jżommu jew idaħħlu miżuri konformi mal-liġi tal-Unjoni li jkun fiha dispożizzjonijiet aktar dettaljati minn dawk li hawn f'dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/21/KE, id-Direttiva 2002/20/KE, id-Direttiva 2002/19/KE, id-Direttiva 2002/22/KE u d-Direttiva 2002/77/KE.

*Artikolu 2*
*Id-definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttivi 2002/21/KE, 2002/20/KE, 2002/19/KE, 2002/22/KE u 2002/77/KE għandhom japplikaw.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "operatur tan-netwerk" tfisser fornitur tan-netwerk tal-komunikazzjoni elettronika u impriża li tipprovdi infrastruttura fiżika bil-ħsieb li tagħti: servizz tal-produzzjoni, tat-trasport jew tad-distribuzzjoni tal-gass, l-elettriku inkluż id-dawl pubbliku, it-tisħin, l-ilma, inkluż ir-rimi jew it-trattament tal-ilma mormi u d-drenaġġ; servizzi tat-trasport, inkluż il-linji tal-ferroviji, it-toroq, il-portijiet u l-ajruporti;

(2) "infrastruttura fiżika" tfisser kull element tan-netwerk li ma jkunx attiv bħal pajpijiet, arbli, kanali, kmamar tal-ispezzjoni, toqob tal-ispezzjoni, kaxxi, binjiet jew daħliet għal binjiet, installazzjonijiet tal-antenni, torrijiet u arbli u l-faċilitajiet assoċjati tagħhom;

(3) "netwerk tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja" tfisser netwerk tal-komunikazzjoni elettronika li kapaċi jwassal servizzi ta' aċċess tal-broadband b'veloċità ta' mill-inqas 30 Mbps.

(4) "ħidmiet ċivili" tfisser kull eżitu tal-ħidmiet tal-bini jew l-inġinerija ċivili kollha flimkien li jkunu biżżejjed minnhom innifishom biex jaqdu funzjoni ekonomika jew teknika u li jkunu jinkludu element wieħed jew ħafna ta' infrastruttura fiżika;

(5) "korp tas-settur pubbliku" tfisser Stat, awtorità reġjonali jew lokali, korp irregolat mil-liġi pubblika jew assoċjazzjoni ffurmata minn awtorità waħda jew bosta awtoritajiet bħal dawn irregolati mil-liġi pubblika;

(6) "korp irregolat mil-liġi pubblika" tfisser kull korp:

(a) stabbilit għall-iskop speċifiku li jissodisfa l-ħtiġijiet fl-interess ġenerali, li ma jkollux karattru industrijali jew kummerċjali;

(b) li jkollu personalità ġuridika;

(c) iffinanzjat kollu jew fil-parti l-kbira, mill-Istat, jew minn awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħrajn irregolati mil-liġi pubblika; jew soġġett għas-sorveljanza maniġerjali minn dawn l-awtoritajiet jew il-korpi; jew li jkollu bord amministrattiv, maniġerjali jew ta’ sorveljanza, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jkun ħatarhom l-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali jew korpi oħra rregolati mil-liġi pubblika;

(7) "infrastruttura fiżika ġol-bini" tfisser infrastruttura fiżika fil-post tal-utent finali, inklużi l-elementi fi sjieda konġunta, maħsuba biex tilqa' netwerks tal-aċċess bil-wajer u/jew mingħajru, meta dawn in-netwerks tal-aċċess ikunu jifilħu jagħtu servizzi tal-komunikazzjoni elettronika u jqabbdu l-punt ta' konċentrazzjoni ġol-bini mal-punt ta' terminazzjoni tan-netwerk;

(8) "infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini" tfisser infrastruttura fiżika ġol-bini maħsuba biex tilqa' elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja;

(9) "rinnovament kbir" tfisser ħidmiet tal-bini jew l-inġinerija fil-post tal-utent finali li jkunu jinkludu bidliet strutturali tal-infrastruttura fiżika ġol-bini u li jkunu jeħtieġu l-permess tal-bini;

(10) "permess" tfisser deċiżjoni formali jew implikata ta' awtorità kompetenti wara xi proċedura li fiha persuna tintalab tieħu passi sabiex legalment tagħmel ħidmiet tal-bini jew l-inġinerija civili.

*Artikolu 3*
*L-aċċess għall-infrastruttura fiżika eżistenti*

1. Kull operatur tan-netwerk għandu jkollu d-dritt li joffri aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

2. Meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, kull operatur tan-netwerk għandu jkollu l-obbligu li jilħaq it-talbiet raġonevoli kollha għal aċċess għall-infrastruttura fiżika tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti, inkluż il-prezz, fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

3. Kull rifjut tal-aċċess għandu jissejjes fuq kriterji oġġettivi, li jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari ma':

(a) l-adegwatezza teknika tal-infrastruttura fiżika li għaliha jkun intalab aċċess biex tilqa' xi wieħed mill-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika msemmija fil-paragrafu 2;

(b) id-disponibbiltà tal-ispazju biex jilqa' l-elementi msemmija fil-punt (a);

(c) l-integrità u s-sigurtà ta' kull netwerk li diġà nfirex;

(d) ir-riskju ta' interferenzi serji tas-servizzi ppjanati tal-komunikazzjoni elettronika mal-għoti ta' servizzi oħra fuq l-istess l-infrastruttura fiżika;

(e) id-disponibilità ta' mezzi alternattivi ta' aċċess bl-ingrossa għan-netwerk tal-infrastruttura fiżika mogħtija mill-operatur tan-netwerk u li jkunu adattati għall-provvista tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

L-operatur tan-netwerk għandu jiddikjara r-raġunijiet għal kull rifjut fi żmien xahar minn meta jkun intalab l-aċċess bil-miktub.

4. Meta jiġi rifjutat aċċess jew ma jkunx intlaħaq ftehim dwar termini u kundizzjonijiet speċifiċi, inkluż il-prezz, fi żmien xahrejn minn meta jkun intalab l-aċċess bil-miktub, kull parti hija intitolata tirreferi l-kwistjoni lill-korp nazzjonali kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

5. Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-paragrafu 4, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima mibdija skont il-paragrafu 4, inkluża d-determinazzjoni ta' termini, kundizzjonijiet u prezzijiet ġusti fejn xieraq, fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien erba' xhur, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti li tirreferi l-każ lil qorti. Kull prezz stabbilit mill-korp għas-soluzzjoni tat-tilwim għandu jqis l-impatt tal-aċċess mitlub fuq il-pjan kummerċjali li jirfed l-investimenti li għamel l-operatur tan-netwerk li lilu jkun intalab l-aċċess, b'mod partikolari fil-każ ta' infrastrutturi fiżiċi mibnija dan l-aħħar li jintużaw għall-għoti tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

*Artikolu 4*

It-trasparenza fejn tidħol l-infrastruttura fiżika

1. Sabiex jitolbu aċċess għal infrastruttura fiżika, skont l-Artikolu 3, kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt ta' aċċess jekk, minn punt waħdieni tal-informazzjoni, titlob dan is-sett ta' informazzjoni minima dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti ta' xi operatur tan-netwerk:

(a) il-post, ir-rotta u l-koordinati tal-ġeoreferenza;

(b) id-daqs, it-tip u l-użu attwali tal-infrastruttura;

(c) isem is-sid jew id-detentur tad-drittijiet tal-użu tal-infrastruttura fiżika u punt tal-kuntatt.

L-impriża li titlob aċċess għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

L-aċċess għall-informazzjoni minima taż-żona speċifikata għandu jingħata minnufih f'forma elettronika skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti. L-aċċess għall-informazzjoni minima jista' jkun limitat minn punt waħdieni tal-informazzjoni biss meta dan jitqies neċessarju fid-dawl tas-sigurtà tan-netwerks u l-integrità tagħhom jew fid-dawl tas-sigrieti operattivi u kummerċjali.

Il-punt waħdieni tal-informazzjoni għandu jiżgura li l-aċċess għall-informazzjoni minima skont dan il-paragrafu jkun disponibbli sa mhux aktar tard minn [*Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 12 months*].

2. Kull korp tas-settur pubbliku li jkollu f'forma elettronika l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-infrastruttura fiżika ta' operatur tan-netwerk minħabba l-kompiti tiegħu, għandu jagħmel din l-informazzjoni disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi qabel [*Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 6 months*]. Kull aġġornament ta' din l-informazzjoni u kull informazzjoni minima ġdida msemmija fil-paragrafu 1 li tasal għand il-korp tas-settur pubbliku, għandu jsir disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni fi żmien xahar minn meta l-korp jirċeviha.

3. Meta l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 ma tinżammx mill-korpi tas-settur pubbliku skont il-paragrafu 2, kull operatur tan-netwerk meta ssirlu talba speċifika għandu jagħmel disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni, l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 dwar l-infrastruttura fiżika tiegħu f'format elettroniku fi żmien xahar minn meta jintalab. L-operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni kull aġġornament tal-informazzjoni minima mogħtija fi żmien xahar mill-modifika attwali fin-netwerk fiżiku li tbiddel din l-informazzjoni minima.

4. Meta l-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx disponibbli minn punt waħdieni tal-informazzjoni, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħtu aċċess għal din l-informazzjoni speċifika meta jintalbu bil-miktub minn impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika. It-talba għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. L-aċċess għall-informazzjoni għandu jingħata fi żmien xahar minn meta ssir it-talba bil-miktub skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1.

5. Meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, l-operaturi tan-netwerk għandhom jilqgħu talbiet raġonevoli għal stħarriġ fuq il-post ta' elementi speċifiċi tal-infrastruttura fiżika tagħhom. It-talba għandha tispeċifika l-elementi tan-netwerk ikkonċernat fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. L-istħarriġiet fuq il-post tal-elementi tan-netwerk speċifikat għandhom jingħataw fi żmien xahar minn meta ssir it-talba bil-miktub skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1.

6. Meta impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika tagħmel talba speċifika bil-miktub, kull operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli dan is-sett ta' informazzjoni minima dwar il-ħidmiet ċivili attwali jew ippjanti li huma relatati mal-infrastruttura fiżika tiegħu li għalihom ikun ingħata permess, li għalihom ikun kemm proċedura għall-għoti tal-permess pendenti, jew li l-ewwel sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti tal-permessi tkun maħsuba għal sitt xhur li jkunu ġejjin:

(a) il-post u t-tip ta' ħidmiet;

(b) l-elementi tan-netwerk involuti;

(c) id-data stmata meta se jibdew il-ħidmiet u kemm se jdumu;

(d) punt tal-kuntatt.

It-talba li ssir minn impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, għandha tispeċifika ż-żona kkonċernata fid-dawl tat-tifrix ta' elementi tan-

netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Fi żmien ġimagħtejn minn meta jintalbu bil-miktub, l-operaturi tan-netwerk għandhom jagħtu l-informazzjoni mitluba skont termini proporzjonati, nondiskriminatorji u trasparenti, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet skont il-paragrafu 1.

7. L-operatur tan-netwerk jista' jirrifjuta t-talba skont il-paragrafu 6, jekk:

- l-informazzjoni mitluba jkun għamilha disponibbli pubblikament f'format elettroniku jew

- l-aċċess għal din l-informazzjoni jkun żgurat minn punt waħdieni tal-informazzjoni.

8. Meta ssirlu talba speċifika, kull operatur tan-netwerk għandu jagħmel disponibbli fil-punt waħdieni tal-informazzjoni, is-sett tal-informazzjoni minima msemmija fil-paragrafu 6.

9. Meta jkun hemm tilwima minħabba d-drittijiet u l-obbligi previsti fil-paragrafi 4 sa 7, kull parti għandu jkollha ċ-ċans tirreferi l-każ lil korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim. Il-korp inkarigat għas-soluzzjoni tat-tilwim, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien xahrejn, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti li tirreferi l-każ lil qorti.

10. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet mill-obbligi previsti fil-paragrafi 1 sa 5 meta l-infrastrutturi fiżiċi eżistenti jitqiesu li mhumiex teknikament xierqa biex jifirxu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost f'dan ir-rigward. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*
*Il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili*

1. Kull operatur tan-netwerk għandu jkollu d-dritt jinnegozja ftehimiet dwar il-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili ma' impriżi awtorizzati li jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

2. Kull impriża li tagħmel ħidmiet ċivili ffinanzjati kollha jew parzjalment minn flus il-poplu għandha tilħaq kull talba raġonevoli li ssir minn impriżi awtorizzati biex jipprovdu netwerks tal-komunikazzjoni elettronika fid-dawl tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja għal ftehimiet tal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili b'termini trasparenti u nondiskriminatorji, diment li ma jkunx hemm spejjeż żejda għall-ħidmiet ċivili maħsuba fil-bidu u li t-talba għal koordinazzjoni ssir minnufih u f'kull każ mill-anqas xahar qabel jitressaq il-proġett finali lill-awtoritajiet kompetenti għall-għoti tal-permessi.

3. Meta ftehim tal-koordinazzjoni tal-ħidmiet ċivili skont il-paragrafu 2 ma jintlaħaqx fi żmien xahar minn meta ssir it-talba formali għal negozjati, kull parti għandu jkollha ċ-ċans tirreferi l-kwistjoni lil korp nazzjonali kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim.

4. Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmi fil-paragrafu 3, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima mibdija skont il-paragrafu 3, inkluża d-determinazzjoni ta' termini, kundizzjonijiet u miżati ġusti u nondiskriminatorji fejn xieraq, fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien xahrejn, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti tirreferi l-każ lil qorti.

5. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet mill-obbligi stipulati f'dan l-Artikolu għal ħidmiet ċivili ta' valur insinifikanti. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost f'dan ir-rigward. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex

jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*
*L-għoti tal-permessi*

1. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, meta titolbu, għandu jkollha d-dritt ta' aċċess b'mezzi elettroniċi minn punt waħdieni tal-informazzjoni, kull informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli għall-għoti tal-permessi għal ħidmiet ċivili li hija meħtieġa fid-dawl tal-elementi tat-tifrix tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, inkluż kull eżenzjoni applikabbli għal dawn l-elementi fejn jidħlu xi wħud mill-permessi jew il-permessi kollha meħtieġa skont il-liġi nazzjonali.

2. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika għandu jkollha d-dritt tressaq, b'mezzi elettroniċi minn punt waħdieni tal-informazzjoni, l-applikazzjonijiet għall-permessi li hemm bżonn għall-ħidmiet ċivili meħtieġa fid-dawl tat-tifrix tal-elementi tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja. Il-punt waħdieni tal-informazzjoni għandu jiffaċilita u jikkoordina l-proċess tal-għoti tal-permessi. B'mod partikolari, dan għandu jiżgura li l-applikazzjonijiet jitwasslu għand kull awtorità kompetenti involuta fl-għoti tal-permessi li huma applikabbli għall-ħidmiet ċivili involuti u li tkun sorveljata l-konformità mal-iskadenzi applikabbli skont il-paragrafu 3.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu jew jirrifjutaw il-permessi fi żmien sitt xhur minn meta jirċievu talba, mingħajr preġudizzju għal skadenzi jew obbligi speċifiċi oħrajn stabbiliti għall-kondotta xierqa tal-proċedura li huma applikabbli għall-proċedura tal-għoti tal-permessi skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Kull rifjut għandu jiġi ġġustifikat kif suppost skont kriterji oġġettivi, trasparenti, nondiskriminatorji u proporzjonati.

4. Kull impriża awtorizzata biex tipprovdi netwerks tal-komunikazzjoni elettronika li ssofri danni minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi applikabbli skont il-paragrafu 3, għandu jkollha d-dritt li tieħu kumpens mingħand l-awtorità kompetenti għad-dannu mġarrab, skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 7*
*It-tagħmir ġol-bini*

1. Kull bini mibni ġdid fil-post tal-utent finali, inkluż l-elementi bi sjieda konġunta, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*], għandu jkun mgħammar b'infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini, sal-punti ta' terminazzjoni tan-netwerk. L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*].

2. Kull bini mibni ġdid b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*], għandu jkun mgħammar b'punt ta' konċentrazzjoni, interna jew esterna, u aċċessibbli għall-fornituri tan-netwerks tal-komunikazzjoni elettronika, fejn tkun disponibbli konnessjoni għall-infrastruttura b'veloċità għolja lesta ġol-bini L-istess obbligu japplika meta jsir xogħol kbir ta' rinnovament fejn jidħol bini b'ħafna abitazzjonijiet, li għalih ikunu tressqu applikazzjonijiet għall-permess tal-bini wara [*Publications Office: please insert the exact date of the entry into force of this Regulation*].

3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal eżenzjonijiet għal kategoriji tal-bini, b'mod partikolari djar b'abitazzjoni waħda, jew xogħol kbir ta' rinnovament, mill-obbligi previsti fil-paragrafi 1 u 2, meta l-ispiża biex jitwettqu dawn l-obbligi tkun sproporzjonata. Dawn il-miżuri għandhom ikunu mmotivati kif suppost. Il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità biex jikkumentaw dwar l-abbozzi tal-miżuri fi żmien raġonevoli. Kull miżura bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

*Artikolu 8*
*L-aċċess għat-tagħmir ġol-bini*

1. Kull fornitur tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm in-netwerk tiegħu fil-punt ta' konċentrazzjoni, diment li dan inaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu, fid-dawl li tkun aċċessata l-infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini.

2. Kull fornitur tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jaċċessa kull infrastruttura fiżika b'veloċità għolja lesta ġol-bini li tkun eżisteni skont termini raġonevoli jekk id-duplikazzjoni tkun teknikament impossibbli jew ekonomikament ineffiċjenti. Id-detentur ta' dritt li juża l-infrastruttura fiżika ġol-bini għandu jagħti aċċess skont termini u kundizzjonijiet nondiskriminatorji.

3. Meta l-ftehim tal-aċċess skont il-paragrafu 1 jew 2 ma jintlaħaqx fi żmien xahrejn minn meta ssir it-talba formali għal aċċess, kull parti għandu jkollha d-dritt li tirreferi l-kwistjoni lill-korp nazzjonali kompetenti għas-soluzzjoni tat-tilwim ħalli dan jivvaluta l-konformità mar-rekwiżiti previsti f'dawk il-paragrafi. Il-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim, filwaqt li jqis bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità, għandu joħroġ deċiżjoni vinkolanti biex isolvi t-tilwima fl-iqsar żmien possibbli u f'kull każ fi żmien xahrejn, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li xi parti li tirreferi l-każ lil qorti.

4. Meta ma jkunx hemm infrastruttura b'veloċità għolja lesta ġol-bini li tkun disponibbli, kull fornitur tan-netwerks pubbliċi tal-komunikazzjoni għandu jkollu d-dritt li jtemm it-tagħmir tan-netwerk tiegħu fil-bini ta' abbonat għal servizz tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, diment li dan inaqqas kemm jista' jkun l-impatt fuq il-proprjetà privata u bi spejjeż tiegħu.

*Artikolu 9*
*Korpi kompetenti*

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali li tilħaq il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE għandha tagħmel il-funzjoni tal-korp nazzjonali għas-soluzzjoni tat-tilwim imsemmija fl-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(9), l-Artikolu 5(4) u l-Artikolu 8(3), għajr jekk l-Istat Membru jkun ħatar korpi kompetenti oħra.

2. Kull korp nazzjonali ieħor għas-soluzzjoni tat-tilwim li jaħtru l-Istati Membri skont il-paragrafu 1 għandu jkun legalment distint u funzjonalment indipendenti mill-operaturi kollha tan-netwerk. Dan għandu jkollu s-setgħa li jimponi fuq l-operaturi tan-netwerk, sanzjonijiet xierqa, effettivi, proporzjonati u dissważivi meta jinkisru l-obbligi li ġejjin mid-deċiżjonijiet adottati meta tkun deċiża t-tilwima.

3. L-awtorità regolatorja nazzjonali li tilħaq il-kompiti mogħtija fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2002/21/KE għandha tagħmel il-funzjonijiet tal-punt waħdieni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 6, għajr jekk l-Istat Membru jkun ħatar korpi kompetenti oħra.

4. Kull punt waħdieni tal-informazzjoni li jaħtru l-Istati Membri skont il-paragrafu 3 għandu jkollu s-setgħa li jimponi fuq l-operaturi tan-netwerk, sanzjonijiet xierqa, effettivi, proporzjonati u dissważivi meta jinkisru l-obbligi li ġejjin mill-Artikolu 4(3) u (8).

5. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, bl-identità ta' kull korp kompetenti maħtur skont dan l-Artikolu biex jagħmel il-kompitu skont dan ir-Regolament sa [*Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation*] u b'kull modifika fih, qabel din il-ħatra jew il-modifika tidħol fis-seħħ.

6. Kull deċiżjoni li jkun ħa xi wieħed mill-korpi kompetenti msemmija f'dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal appell quddiem qorti skont il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 10*
*Reviżjoni*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn [*Publications Office: please insert the exact date: entry into force of this Regulation + 3 years*] għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih sommarju tal-impatt tal-miżuri previsti b'dan ir-Regolament u valutazzjoni tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

*Artikolu 11*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |